# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (ĊARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 15/2021 BS**

**AV**

**-vs-**

**JV mart l-istess AV**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur AV illi ppremetta:**

1. Li l-kontendenti żżewġu f'Sannat Għawdex, fil-ħdax (11) ta' Ottubru elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992), liema żwieġ jinsab registrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex, bin-numru progressiv mija tlieta u ħamsin sbarra elf disa' mija u tnejn u disgħin (153/1992);

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied, MV, li twieldet fit-tnax (12) ta' Awwissu elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) u CV li twieled

fit- tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995) u għalhekk it-tnejn huma maġġorenni;

3. Illi l-ħajja miżżewġa ta' bejniethom saret illum impossibbli, u ż-żwieġ tagħhom tkisser irremedjabilment għal raġunijiet, fosthom dan minħabba differenzi irrikonċiljabbli u raġunijiet oħrajn serji, li skont il-liġi, jistgħu jagħtu lok għal separazzjoni personali.

4. Illi effettivament l-partijiet isseparaw de facto minn xulxin fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu elfejn u sbatax (2017);

5. Illi minn dakinhar l'hawn il-partijiet marru għal rashom u kull parti bniet il-ħajja tagħha indipendenti mill-oħra;

6. Illi ma hemm l-ebda prospett ragionevoli, jew remot, għal rikonċiljazzjoni bejniethom peress li ilhom snin twal mifruda minn xulxin;

7. Illi l-esponenti jixtieq li jiġi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

**Talab lil din l-Onorabbli Qorti:**

a. Tiddikjara li *ż*-żwieġ bejn AV u JV Cordina fil-11 ta' Ottubru 1992 huwa maħlul u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.

**Rat ir-risposta tal-konvenuta JV Vella illi eċċepiet:**

1. Illi in linea preliminari l-esponenti qed tinvoka l-privilegium fori ai termini tal-artikolu 767 u 741(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li kif anke jirrizulta mill-atti stess, l-esponenti tirrisjedi gewwa Malta u ilha tirrisjedi hawn ghal dawn l-ahhar 4 snin;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sues post u b'zieda mal-istess dwar il-mertu, l-esponenti qed toggezzjona ghat-talba ta' AV ghall-ottjeniment tad- divorzju u dan ghar-ragunijiet li ser isegwu;

3. Illi jingħad illi bhala ghalkemm il-partijiet ilhom xi zmien jghixu separati de facto, bhala stat ta' fatt m'humiex legalment separati minn xulxin u għalhekk bejniethom ghadha tirrenja l-komunjoni tal-akkwisti li sal-lum ghadha ma gietx itterminata u likwidata;

4. Illi di piu' ir-rikorrent lanqas m'huwa jivversa manteniment versu l-esponenti martu, anke jekk l-esponenti qatt ma ddekadiet mid-dritt taghha ghall-istess;

5. Illi għalhekk ic-cirkostanzi tal-partijiet mhux biss ma jissodisfawx ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B ghall-ottjeniment tad-divorzju, izda jekk tintlaqa' l-istess talba, l-esponenti tigi ppregudikata fid-drittijiet tagħha u għalhekk it-talba ta' AV ma tistax tintlaqa';

6. Finalment, l-esponenti qed topponi wkoll għall-ispejjez tal-proceduri odjerni u tikkontendi li dawn ghandhom jigu akkollati lir-rikorrent.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ l-attur.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta.

Rat is-sentenza in parte ta’ l-1 ta’ April, 2022.

Rat li fis-seduta tas-26 ta Mejju, 2022 il-kawża ġiet differita għal informazzjoni jew probabbli ċessjoni.[1]

Rat in-nota konġunta tal-partijiet li permezz tagħha ġie esebit l-abbozz tal-minuta preżentata l-Qorti fl-4 ta' Ottubru, 2022.[2]

Rat li l-minuta tal-kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fit-30 ta' Novembru, 2022 ġiet ippreżentata fl-atti permezz ta' nota fl-1 ta' Diċembru, 2022.

Fliet il-kuntratt ta' separazzjoni.

Fliet id-dokumenti u l-atti kollha.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti, infatti il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni iddikjaraw illi qed jiddekadu mid-dritt li jitolbu l-manteniment minn għand xulxin u li tali dekadenza hija waħda definittiva u irrevokabbli.

Rat illi fir-risposta tagħha l-konvenuta topponi li tħallas l-ispejjeż ta' l-istess.

Rat ukoll li mill-atti jirriżulta ben ċar illi ma hemm l-ebda possibilita ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

---

[1] A fol 45 tal-process

[22] A fol 46 et seq tal-process

**Deċide.**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-attur u fil-waqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż għandhom jitħallsu interament mill-attur.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur